32003D0155

7.3.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 64/28

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-16 ta' Diċembru 2002
## dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Torka fuq prekursuri u sustanzi kimiċi frekwentament użati fl-iffabbrikar illeċitu tad-drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

(2003/155/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 u l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2), u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' April 2001, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim mat-Turkija fuq prekursuri u sustanzi kimiċi frekwentament użati fl-iffabbrikar illeċitu ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem Imsejjaħ "il-Ftehim".

(2) Il-Komunità għandha ssaħħaħ il-kontrolli fuq il-ġarr ta' prekursuri lejn it-Turkija, hekk kif dawn qed jerġgħu jidħlu fil-Komunità fil-forma ta' eroina jew sustanzi psikotropiċi jew narkotiċi oħrajn.

(3) Huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, biex japprova emendi f'isem il-Komunità fejn skond il-Ftehim dawn jiġu adottati mill-Grupp Konġunt ta' Verifika. Madankollu, din l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-emendi għall-Annessi tal-Ftehim sakemm din l-emenda tikkonċerna sustanzi li huma diġà koperti mill-leġislazzjoni tal-Komunità fuq drogi prekursuri u sustanzi kimiċi.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Torka fuq prekursuri u sustanzi kimiċi frekwentament użati fl-iffabbrikar illeċitu tad-drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-Komunità għandha tkun rappreżentata fil-Grupp Konġunt ta' Verifika previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, assistit mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

2. Il- Kummissjoni hija awtorizzata biex tapprova, f'isem il-Komunità, emendi għall-Annessi mal-Ftehim adottat mill-Grupp Kon[unt ta' Verifika taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni għandha tassisti fit-twettiq ta' dan il-kompitu b'kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill u inkarigat biex jistabbilixxi posizzjoni komuni.

3. L-Awtorizzazzjoni msejħa fil-paragrafu 2 għandha tkun limitata għas-sustanzi li huma diġà koperti mill-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità fuq drogi prekursuri u sustanzi kimiċi.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina l-persuni awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu jwettaq, f'isem il-Komunità, l-iskambju ta' l-istrumenti previsti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim ([1]).

([1]) Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim se jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'* l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHER BOEL